



Brussell, 30 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14518/18

POLGEN 217

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Immexxu 'l quddiem l-Aġenda Strateġika Programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill (1 ta' Jannar 2019 - 30 ta' Ġunju 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill, imħejji mill-Presidenzi futuri tar-Rumanija, il-Finlandja u l-Kroazja u r-Rappreżentant Ġholi, President tal-Kunsill Affarijiet Barranin.

Il-programm**I. INTRODUZZJONI**

It-tliet Presidenzi jieħdu r-responsabbiltà li jmexxu l-ħidma tal-Kunsill fi tmiem iċ-ċiklu istituzzjonali attwali. It-Triju huwa impenjat ukoll li jiżgura transizzjoni bla xkiel għaċ-ċiklu leġislattiv li jmiss; huwa ser jagħmel kull sforz biex jiffaċilita dan il-proċess fl-ambitu tal-kompetenzi tiegħu. It-tliet Presidenzi ser jibnu relazzjonijiet mill-qrib u kostruttivi mal-atturi istituzzjonali l-ġodda sabiex jippermettu li r-ritmu ta' ħidma u l-attività leġislattiva jergħu lura għan-normal malajr.

Fil-bidu tat-Triju, il-prijorità ewlenija ser tkun il-finalizzazzjoni tal-fajls tal-Aġenda Strateġika attwali li jkunu għadhom pendenti u b'mod partikolari dawk elenkati fid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġislattivi tal-UE għall-2018-19. Meta jibda ċ-ċiklu istituzzjonali l-ġdid, it-tliet Presidenzi ser jorganizzaw il-ħidma fil-Kunsill skont il-prijoritajiet tal-Aġenda Strateġika li jmiss, li mistennija tiġi adottata fl-2019, u b'kont meħud tal-eżitu tas-Summit ta' Sibiu.

It-tliet Presidenzi jissottolinjaw l-importanza tal-valuri komuni tal-Unjoni: ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għall-minoranzi. Huma jenfasizzaw l-impenn tagħhom li jippromwovu l-fiduċja fost iċ-ċittadini u l-kumpanniji fil-proġett Ewropew, kif ukoll biex irawmu l-kompetittività, it-tkabbir ekonomiku u jappoġġaw l-investimenti. It-Triju ser jagħmel enfasi speċjali fuq it-tisħiħ ekonomiku, il-koeżjoni soċjali u territorjali, il-valuri sottostanti tagħha u l-oġettivi kondiviżi, għall-iżvilupp tal-Unjoni kollha kemm hi. It-Triju jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ u tiġi sostnuta s-sistema multilaterali u li tingħata attenzjoni wkoll għall-promozzjoni tal-Aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli fl-UE u lil hinn minnha. It-tliet Presidenzi ser jagħmlu ħilithom biex isaħħu l-unità u jrawmu l-kunsens fil-livell Ewropew, billi jippromwovu inizjattivi konġunti u inklużivi, ta' benefiċċju għall-Istati Membri kollha.

It-Triju huwa impenjat biex jiżgura li l-Unjoni Ewropea topera qrib iċ-ċittadini b'mod trasparenti u skont il-prinċipji tal-governanza tajba u r-regolamentazzjoni aħjar, biex b'hekk ikunu promossi politiki orjentati lejn iċ-ċittadini. It-tliet Presidenzi huma impenjati wkoll biex itejbu l-għarfien dwar l-UE u biex jissensibilizzaw lill-pubbliku dwar politiki tal-UE orjentati lejn iċ-ċittadini, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh.

Futur b'27

It-tliet Presidenzi ser jiddedikaw l-isforzi kollha sabiex jiżguraw li tiġi ttrattata b'mod effettiv u f'waqtu l-ħidma kollha meħtieġa mill-proċess ta' Brexit, filwaqt li jrawmu l-unità tas-27 Stat Membru.

F'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Ruma, il-ħidma ser tiġi avvanzata bil-ħsieb li tiġi adottata Aġenda Strateġika ġdida fil-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2019.

Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027

Il-baġit tal-Unjoni Ewropea, kif stabbilit mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), huwa għodda essenzjali biex nilħqu l-oġettivi komuni tagħna u nonoraw l-impenji meħuda.

It-tliet Presidenzi huma impenjati biex jiffaċilitaw il-finalizzazzjoni tan-negozjati dwar il-QFP għall-perijodu 2021-2027, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-President tal-Kunsill Ewropew. Din ser tkun prijorità ewlenija għat-Triju. Barra minn hekk, it-tliet Presidenzi ser ifittxu li jiffinalizzaw il-proposti settorjali relatati mal-QFP li jmiss.

It-tliet Presidenzi ser jagħtu attenzjoni speċjali lill-bilanċ it-tajjeb bejn politiki tradizzjonali u l-prijoritajiet u l-isfidi kondiviżi l-ġodda.

Il-proposti leġislattivi l-ġodda relatati mal-QFP 2021-2027 ser ikunu soġġetti għal attenzjoni u sforzi speċjali mit-Triju.

II. UNJONI GĦALL-IMPJIEGI, IT-TKABBIR U L-KOMPETITTIVITÀ

L-UE tinsab fis-sitt sena konsekuttiva ta' rkupru ekonomiku li jilħaq kull Stat Membru. Dan johlq tieqa' ta' opportunità biex tiġi kkonsolidata r-riforma tas-Suq Uniku bil-ħsieb li jittejbu aktar it-tkabbir u l-kompetittività.

Suq Uniku

Is-Suq Uniku Ewropew ilu jeżisti għal aktar minn 25 sena u sar mutur importanti għat-tkabbir, l-investiment u l-kummerċ fl-UE. Is-Suq Uniku għandu wkoll dimensjoni globali b'saħħitha, li jagħmel l-UE aktar kompetittiva fil-kummerċ kif ukoll aktar attraenti fl-investimenti. Lil hinn mit-tlestija u l-implimentazzjoni effettiva tal-istrateġiji pertinenti, l-UE teħtieġ tkompli l-ħidma lejn suq uniku ġust u li jibqa' validu fil-futur li jkun jixraq għall-era diġitali u li jippromwovi l-kompetittività, l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà. L-evitar ta' standards ta' kwalità doppji fis-suq uniku huwa kruċjali f'dan il-proċess. It-tliet Presidenzi jimpenjaw ruħhom biex imexxu 'l quddiem l-eżitu tad-diskussjoni tal-Aġenda tal-Mexxejja f'Diċembru 2018 abbażi tas-sitwazzjoni attwali tal-Kummissjoni rigward l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar ta' leġislazzjoni eżistenti li hija l-qofol għall-funzjonament tas-Suq Uniku u l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-ostakli li fadal u l-opportunitajiet għal Suq Uniku li jiffunzjona għalkollox.

L-UE teħtieġ politika industrijali b'saħħitha, u t-tliet Presidenzi ser ikomplu bid-diskussjonijiet dwar l-oġettivi strateġiċi fit-tul tal-UE f'dan il-qasam. Il-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku jrawwem is-suċċess tal-Industrija Ewropea. Ser tiġi avvanzata wkoll ħidma lejn suq tas-servizzi aktar integrat, Ekonomija Diġitali, inkluż billi jitlesti s-Suq Uniku Diġitali, ekonomija tad-data u tal-pjattaformi, l-infrastruttura diġitali adegwata u qafas operazzjonali li jappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tal-industrija u l-kumpanniji Ewropej u biex tiġi sfruttata l-kapitalizzazzjoni tal-innovazzjoni fl-intelliġenza artifiċjali.

Is-Suq Uniku jeħtieġ interkonnettività neċessarja bejn l-Istati Membri u r-reġjuni kollha tal-UE, kif ukoll bejn l-UE u s-sħab globali tagħha. Għal dan il-għan, it-titjib u t-tlestija tan-netwerks tat-TEN, inkluż fid-dawl ta' konnettività diġitali fl-UE kollha, huma importanti kif ukoll it-tħejjija għal reviżjoni ppjanata prevista għall-2023.

L-iżgurar ta' tassazzjoni ġusta u effettiva għadu prijorità ewlenija. Hemm bżonn reali li nadattaw is-sistemi ta' tassazzjoni tagħna għall-era diġitali. F'dan is-sens, it-tliet Presidenzi ser javvanzaw il-ħidma fuq il-proposti tal-Kummissjoni dwar it-tassazzjoni diġitali f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew. Ser titmexxa 'l quddiem il-ħidma dwar il-proposti l-oħra kollha pendenti dwar it-tassazzjoni; b'mod partikolari t-tliet Presidenza ser jaħdmu biex jiksbu riżultati dwar sistemi definittiva u ġodda tal-VAT.

Għandha tipproċedi l-ħidma dwar ir-reviżjoni tal-politika ambjentali sabiex din tikkontribwixxi għat-tkabbir ekoloġiku, l-ekonomija ċirkolari u l-bijoeconomija, il-bijodiversità u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma, b'mod partikolari l-protezzjoni u l-użu sostenibbli tal-oċeani u l-ibħra.

It-tliet Presidenzi jimpenjaw ruħhom biex ikomplu jaħdmu fuq il-proposta biex jirrifirmaw id-Direttiva dwar il-Ħin tas-Sajf.

Il-kooperazzjoni u l-istrateġiji makroreġjonali ser jiġu promossi mit-Triju.

Intraprenditorija u ħolqien ta' impjiegi

Il-promozzjoni ta' klima ta' intraprenditorija u ħolqien ta' impjiegi tibqa' essenzjali biex tgħin lin-negozji fl-Ewropa jmorru tajjeb, inkluż l-SMEs, li jiġġeneraw l-impjiegi u t-tkabbir. Għaldaqstant, it-Triju jikkunsidra li meta jipproponi u jadotta leġislazzjoni ġdida huwa importanti li jiġi rrispettat il-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" bil-għan li jiġu promossi l-interessi tal-SMEs.

Il-fatt li naqas il-qagħad u li qed tiżdied il-parteciġazzjoni fis-suq tax-xogħol huwa suċċess importanti. Fl-istess ħin huma meħtieġa sforzi kontinwi biex jiġu integrati mill-ġdid persuni qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol u biex iż-żgħażaġh jiġu meġhuna jiżviluppaw il-ħiliet meħtieġa biex isiru attivi fis-suq tax-xogħol, u biex tiżdied il-parteciġazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol.

Hija meħtieġa aktar ħidma biex it-turiżmu jkollu pożizzjoni aħjar fuq l-aġenda tal-UE, speċjalment sabiex jiġu inkoraġġuti t-tkabbir u l-impjiegi.

Investimenti

Filwaqt li sar progress fl-indirizzar tal-lakuna fl-investment wara l-kriżi ekonomika, fost l-oħrajn permezz tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Investment għall-Ewropa, jibqa' kruċjali li tingħata spinta lil-livelli ta' investment. Dan jinkludi li tinżamm l-enfasi fuq il-promozzjoni tal-politika dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni bħala sors tat-tkabbir, biex b'hekk isir progress fil-ħidma dwar Orizzont Ewropa kif ukoll dwar InvestEU. Il-koeżjoni politika ser ikollha wkoll rwol ewlieni biex jittjiebu l-investimenti u l-kompetittività. Politika Agrikola komuni futura mmodernizzata ser tikkontribwixxi biex tiġi żgurata s-sigurtà alimentari, jiġi protett l-ambjent, isir adattament għat-tibdil fil-klima, u tinżamm il-vijabbiltà sostenibbli taż-żoni rurali. Ser ikun strumentali li jintlaħaq qbil dwar l-QFP 2021-2027 u l-proposti settorjali relatati biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-preżent u dawk futuri.

Unjoni Ekonomika u Monetarja

It-tliet Presidenzi ser imexxu 'l quddiem il-ħidma dwar l-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM). Il-klima ekonomika attwali tippredvi l-kalma meħtieġa biex tiġi approfondita u msaħħa l-UEM sabiex tkun tista' taffaċċja aħjar il-kriżijiet ekonomiċi. F'dan ir-rigward huwa essenzjali li tinqata' r-rabta bejn il-banek u s-sovrani, filwaqt li jittieħed kont tal-iżviluppi fil-livell internazzjonali. Hija meħtieġa aktar ħidma fost l-oħrajn dwar it-tisħiħ tal-Unjoni Bankarja, skont l-approċċ miftiehem dwar it-tnaqqis tar-riskji u l-kondiviżjoni tar-riskji, inkluż dwar il-proposta dwar l-Iskema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti u l-implimentazzjoni tal-garanzija ta' kontinġenza tal-MES għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni, kif ukoll tiġi żviluppata aktar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Ir-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir għandhom jiġu ssimplifikati. Sabiex tiġi promossa l-adeżjoni fiż-żona tal-euro, hija meħtieġa aktar ħidma dwar il-Programm ta' Appoġġ għar-Riformi propost, inkluż Faċilità ta' Appoġġ għall-Konverġenza.

III. UNJONI LI TAWTONOMIZZA U TIPPROTEĠI LIĊ-ĊITTADINI KOLLHA TAGĦHA

L-ċittadini Ewropej jistennew aktar mill-Unjoni Ewropea milli benefiċċji ekonomiċi. L-edukazzjoni, inkluż it-tagħlim tul il-ħajja, il-kultura, l-isport u politiki mmirati lejn iż-żgħażaġh mhumiex importanti biss mill-perspettiva tal-kompetittività iżda wkoll għall-inklużività u l-koeżjoni tas-soċjetajiet tagħna. It-tliet Presidenzi ser javvanzaw l-implimentazzjoni tal-politiki mmirati lejn it-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali, l-indirizzar ta' nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet, u l-promozzjoni tal-livell ta' protezzjoni soċjali taċ-ċittadini.

Is-suq tax-xogħol tal-lum huwa kkaratterizzat minn bidliet teknoloġiċi rapidi. Sabiex jinżammu l-kompetittività u l-produttività għoljin tal-Ewropa, iċ-ċittadini Ewropej għandhom bżonn is-sett it-tajjeb ta' ħiliet meħtieġa fuq il-post tax-xogħol globali l-ġdid. Dawn jinkludu l-investment fin-nies u fl-edukazzjoni b'attenzjoni fuq l-antiċipazzjoni tal-ħtiġijiet futuri fir-rigward tal-ħiliet, l-iżvilupp ta' ħiliet fundamentali, rilevanti u trasversali ġodda, inkluż ħiliet relatati mad-diġitalizzazzjoni, iċ-ċibersigurtà, il-litteriżmu fil-media, ir-robotizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali. Barra minn hekk, l-iżvilupp tax-xogħol taż-żgħażaġh u l-kwalità tiegħu għandhom jiġu promossi kif ukoll l-opportunitajiet indaqs għaż-żgħażaġh kollha. Id-dimensjoni tal-UE fl-edukazzjoni sekondarja tista' wkoll tittejjeb. Ser tiġi ddedikata ħidma intensiva għan-negozjati dwar Erasmus, programm emblematicu għall-proġett Ewropew.

It-Triju ser jagħti attenzjoni partikolari għat-trawwim tal-mobbiltà, l-inklużività u l-eċċellenza, filwaqt li jikkontribwixxi wkoll għall-promozzjoni tal-valuri Ewropej. Ser ikollhom jittieħdu deċiżjonijiet u jiġu segwiti bl-implimentazzjoni bikrija tal-oqfsa ta' kooperazzjoni tal-ġenerazzjoni li jmiss fis-setturi tal-edukazzjoni, iż-żgħażaġh, il-kultura u l-isport (bħall-qafas ta' wara ET2020, l-istrateġija l-ġdida tal-UE għaż-żgħażaġh).

Jeħtieġ li l-opportunitajiet indaqs u l-inklużjoni soċjali jiġu promossi fil-politiki kollha tal-UE, inkluż l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi, l-inklużjoni soċjali ta' persuni b'diżabbiltajiet u l-għoti ta' appoġġ għal attivitajiet fil-ġlieda kontra l-faqar speċjalment kontra l-faqar fost it-tfal, filwaqt li jiġu rrispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri.

Huma meħtieġa aktar sforzi fil-qasam tas-saħħa pubblika sabiex jiġi ggarantit aċċess għall-kura tas-saħħa għaċ-ċittadini kollha tal-UE, jiġu żgurati s-sikurezza u l-mobbiltà tal-pazjenti, u jittieħed vantaġġ mill-opportunitajiet maħluqa minn teknoloġiji mediċi ġodda. Ser ikun meħtieġ impenn imġedded biex jiġu indirizzati l-isfidi tad-defiċit demografiku u t-tixjiħ tal-popolazzjoni. Il-kooperazzjoni fil-qasam tat-trapjanti u d-donazzjoni tal-organi fil-livell tal-UE tista' tissaħħaħ sabiex jiġu salvati l-ħajjiet.

IV. LEJN UNJONI TAL-ENERĠIJA B'POLITIKA DWAR IL-KLIMA LI TĦARES 'IL QUDDIEM

L-UE hija mexxej globali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u tirrispetta l-politiki ambjentali. B'mod partikolari, l-UE teħtieġ iżżomm u ttejjeb it-tmexxija tagħha fil-kisba tal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi b'attenzjoni speċjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih inkluż il-kwistjoni tal-finanzjament tal-klima. F'dan ir-rigward, id-definizzjoni tal-istrateġija tal-UE ta' emissjonijiet baxxi ta' karbonju fuq perijodu twil hija importanti. Hija meħtieġa azzjoni għat-transizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju f'setturi fejn id-dekarbonizzazzjoni waqgħet lura, u għall-implimentazzjoni ta' miżuri biex titjieb l-effiċjenza enerġetika, filwaqt li tiġi pprovduta enerġija sostenibbli sigura u bi prezz aċċessibbli għaċ-ċittadini Ewropej. Il-modernizzazzjoni tal-ekonomija u l-integrazzjoni ta' politiki dwar it-tibdil fil-klima għandhom jitqiesu bħala opportunità ekonomika li toffri impjiegi ġodda u tiġġenera t-tkabbir.

It-tliet Presidenzi biħsiebhom jiffinalizzaw in-negozjati dwar il-pakkett dwar l-Enerġija Nadifa, u biħsiebhom jiffinalizzaw in-negozjati dwar il-proposti fil-pakketti ta' mobbiltà, inkluż b'mod partikolari l-inizjattivi relatati mal-klima. Huma ser jagħmlu dan waqt li jibnu fuq il-qafas tal-Unjoni tal-Enerġija, b'enfasi fuq l-integrazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija fil-politiki nazzjonali tal-Istati Membri u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet integrati għall-klima u l-enerġija.

L-Istrateġija għat-tnaqqis fit-tul ta' emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra tal-UE f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi ser tiġi promossa, skont l-oġettivi klimatiċi kondiviżi fuq bażi komuni. B'dan il-mod, ir-rwol ewlieni tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima jiġi żgurat fin-negozjati internazzjonali dwar il-klima. It-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju iswed fil-kuntest tal-politika tal-UE għall-Artiku huwa importanti.

V. UNJONI TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA

Il-Linji Gwida Strateġiċi attwali għall-iżvilupp taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jaslu fi tmiemhom flimkien mat-tmiem taċ-ċiklu istituzzjonali u t-tliet Presidenzi huma impenjati li jibdwu jaħdmu mill-ewwel fuq il-linji gwida l-ġodda li għandhom jiġu żviluppati mill-Kunsill Ewropew.

Approċċ komprensiv għall-migrazzjoni li jikkombina kontroll aktar effettiv tal-fruntieri esterni, aktar azzjoni esterna u l-aspetti interni tal-UE, f'konformità mal-prinċipji u l-valuri tagħna huwa neċessarju. Din hija sfida mhux biss għal Stat Membru wieħed, iżda għall-Ewropa kollha u lil hinn minnha. Jeħtieġ li dawn il-politiki jkomplu u jissaħħu sabiex jiġi evitat li jerġa' jkun hemm il-flussi mhux ikkontrollati tal-2015 u biex titnaqqas aktar il-migrazzjoni irregolari fir-rotot kollha eżistenti u emerġenti. Hemm bżonn ħidma fuq it-tliet fergħat: l-ewwel nett bil-kontroll imsaħħa tal-fruntieri esterni tal-UE, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-introduzzjoni tas-sistema ta' informazzjoni l-ġdida (EES, ETIAS) u billi jiġi implimentati l-mekkaniżmi neċessarji għall-kontroll tal-kwalità u l-iżvilupp tal-Istrateġija għal Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, filwaqt li jiġi kkunsidrat il-bilanċ bejn is-sigurtà u l-ħeffa tal-qsim tal-fruntieri. Fir-rigward tal-azzjoni esterna, l-indirizzar tal-isfida fil-qofol tagħha jeħtieġ sħubija reali mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu li tinkorpora b'mod sħiħ il-politika tagħna dwar il-migrazzjoni esterna fir-relazzjonijiet bilaterali globali tal-UE ma' pajjiżi terzi sabiex jiġi indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni. Hija meħtieġa aktar ħidma fir-rigward tat-titjib tar-ritorni, fost oħrajn permezz tal-proposti għal politika tal-UE dwar ir-ritorn aktar effettiva u koerenti kif ukoll billi tingħata ħarsa lejn il-qafas għall-migrazzjoni legali, inkluża r-risistemazzjoni. It-tliet Presidenzi, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, ser jagħtu attenzjoni speċjali lir-Rotot tal-Mediterran Ċentrali, tal-Punent u tal-Lvant, filwaqt li jibqgħu attenti għal rotot ġodda possibbli. Il-kooperazzjoni mas-sħab fl-Afrika, ir-reġjun tal-Balkani tal-Lvant u t-Turkija kif ukoll l-appoġġ lilhom jibqgħu prijorità. Rigward l-aspetti interni, it-tliet Presidenzi jimpenjaw ruħhom li jippruvaw jaslu għall-finalizzazzjoni tar-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, inkluż billi jsibu kunsens dwar ir-regolament ta' Dublin.

Rigward it-trawwim tas-sigurtà interna tal-UE, it-tliet Presidenzi jibqgħu impenjati li jtejb u l-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja, jiġġieldu kontra l-kriminalità organizzata, inkluż it-traffikar tad-drogi u t-traffikar tal-bnedmin, isaħħu l-ġlieda kontra t-terroriżmu, b'mod partikolari billi jiġġieldu u jipprevjenu r-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu, inkluż billi jiddedikaw l-isforzi kollha lejn it-tneħħija ta' kontenut terroristiku online. Jeħtieġ li tissaħħaħ aktar l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni biex javvanza dan l-għan. Objettiv partikolari huwa li jiġu żviluppati aktar il-kapaċitajiet meħtieġa biex tiġi promossa ċ-ċibersigurtà u jiġu miġġielda r-riskji ċibernetiċi, permezz ta' koordinazzjoni transkonfinali aħjar tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

It-Triju jenfasizza l-impenn tiegħu lejn is-sistema ta' Schengen u jesprimi l-intenzjoni tiegħu li jiżgura l-funzjonament adegwat tagħha u li jaħdem fuq il-fergħat kollha rilevanti biex jippreserva u jsaħħaħ iż-Żona Schengen bħala waħda mill-kisbiet ewlenin tal-Unjoni Ewropea.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja, it-Triju jenfasizza l-importanza li jkompli javvanza r-rikonoxximent reċiproku. It-Triju jimpenja ruħu li jippromwovi l-evidenza elettronika u l-ġustizzja elettronika. It-Triju ser jagħti attenzjoni wkoll għat-tħaddim tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-OLAF.

It-tliet Presidenzi ser jippromwovu l-attivitajiet tal-protezzjoni ċivili, inkluż fil-qasam tal-prevenzjoni tad-diżastri.

VI. L-UNJONI BĦALA ATTUR DINJI B'SAĦTU

It-tliet Presidenzi flimkien mal-Istati Membri ser jaħdmu mill-qrib tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/ Viċi President tal-Kummissjoni u jappoġġaw il-ħidma tiegħu biex jitmexxew 'il quddiem il-prijoritajiet li ntlaħaq qbil dwarhom tal-Istrateġija Globali tal-UE, filwaqt li jiġu żgurati l-konsistenza mal-politiki esterni tal-UE, u jissaħħu rabtiet adegwati bejn il-politiki interni u esterni tal-Unjoni. Huma għandhom ifittxu li jiżguraw li l-Unjoni hija mgħammra, fil-perijodu 2021-2027, bil-finanzjament u l-istrumenti legali kollha meħtieġa biex jitwettqu dawn il-kompiti. Huma ser ifittxu l-appoġġ attiv u impenjat tal-Istati Membri għall-politika Ewropa u ta' Sigurtà tal-Unjoni, u ser jappoġġaw lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President biex ifittex konverġenza akbar fost l-Istati Membri, abbażi ta' identifikazzjoni komuni ta' interessi kondiviżi u solidarjetà politika reċiproka.

L-oqsma ta' prijorità jinkludu dan li ġej:

It-tliet Presidenzi jtennu l-impenn tagħhom lejn it-tkabbir, li jibqa' linja politika ewlenija tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari bil-ħsieb li tipprovdi perspettiva kredibbli tat-tkabbir, fil-parametri li ntlaħaq qbil dwarhom għall-Balkani tal-Punent. It-Turkija hija pajjiż kandidat u tibqa' sieħeb ewlieni għall-UE. Il-politika tat-tkabbir tkompli tirrappreżenta investment strateġiku fil-paċi, id-demokrazija, il-prosperità, is-sigurtà u l-istabbiltà fl-Ewropa. It-tħaddin ta' valuri fundamentali Ewropej u l-impenn lejhom huma għażla politika, u huma essenzjali għas-šhab kollha li jaspiraw għas-šhubija fl-UE. It-tliet Presidenzi jtennu l-ħtieġa, f'konformità mal-kunsens imġedded dwar it-tkabbir, għal kundizzjonalità ġusta u rigoruża u l-prinċipju tal-merti proprji, flimkien mal-kapaċità tal-UE, fid-dimensjonijiet kollha tagħha, biex tintegra membri ġodda. It-Triju jilqa' t-tħabbir li l-Kroazja ser tospita Summit UE-Balkani tal-Punent matul il-Presidenza tagħha fl-2020. It-Triju jtenni l-importanza li tiġi approfondita aktar il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-politika estera u jistenna l-allinjament imsaħħaħ mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE (PESK).

Jiġu avvanzati r-rabtiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali bejn l-Unjoni u l-pajjiżi tal-viċinat tagħha fil-Lvant u n-Nofsinhar. It-tliet Presidenzi ser jaħdmu mill-qrib u jappoġġaw il-ħidma tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President rigward l-indirizzar ta' tensjonijiet politiċi li ilhom għaddejjin, biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-šhab għal pressjonijiet esterni, u sabiex tiġi salvagwardata l-ħila tagħhom li jagħmlu l-għażliet diplomatiċi tagħhom stess. Huwa ser iżomm l-approċċ ibbażat fuq il-prinċipji u unit fil-politika rigward ir-Russja. Huwa ser ifittex approċċi kollaborattivi sabiex iżomm is-sigurtà tal-fruntieri tal-UE u jindirizza l-isfidi kondiviżi tal-migrazzjoni.

Tisħiħ u sostenn tas-sistema multilaterali bbażata fuq ir-regoli, bin-NU fil-qalba tagħha. Dan ser ifisser, b'mod partikolari, ħidma fil-politika interna u esterna tal-UE kollha biex tiġi implimentata l-Aġenda 2030, inkluż l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli; il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, u l-istat tad-dritt; ir-rispett tal-obbligi skont il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima u l-iżgurar li l-oħrajn jagħmlu l-istess; segwitu dwar il-Patt Globali għal Migrazzjoni Sikura, Ordната u Regolari u l-Patt Globali dwar ir-Refuġjati, u t-tisħiħ tar-reġimi u l-ftehimiet globali dwar il-kontroll u n-nonproliferazzjoni ta' armi bħall-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt (PAKK), li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-Unjoni. L-Unjoni ser takkumpanja u tappoġġa r-riforma tan-NU, u ser taħdem biex tiddefendi l-kredibbiltà u l-kapaċità ta' aġenziji ewlenin tan-NU. It-tliet Presidenzi ser jappoġġaw il-preservazzjoni tar-rwol ewlieni tal-UE fil-politika għall-iżvilupp u l-għajjuna umanitarja. F'dan il-kuntest ta' tensjonijiet li qed jikbru fil-qasam tal-kummerċ, it-tliet Presidenzi jibqgħu impenjati li jippreservaw u japprofondixxu s-sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli, inkluż il-ħidma lejn il-modernizzazzjoni tad-WTO. It-tliet Presidenzi ser jappoġġaw in-negozjar ta' ftehimiet kummerċjali ambizzjużi, ta' kwalità għolja, ibbilanċjati u ta' benefiċċju reċiproku ma' sħab ewlenin madwar id-dinja, akkumpanjati minn ftehimiet politiċi li jippromwovu l-valuri u l-istandards tal-UE u jstimulaw kooperazzjoni akbar dwar kwistjonijiet ta' interess komuni. Huma jenfasizzaw ukoll l-importanza tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet, kif ukoll it-titjib ta' rabtiet bejn ir-relazzjonijiet ekonomiċi esterni u s-Suq Intern.

Tisħiħ ta' ordnijiet reġjonali kollaborattivi. Biex jiksbu dan, it-tliet Presidenzi ser jaħdmu mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President u ser jappoġġawh biex jiżviluppa rabtiet aktar mill-qrib bejn ir-reġjuni. Dan għandu l-għan jikkomplementa u jsaħħaħ ir-relazzjonijiet bilaterali tal-UE, inkluż fl-Afrika, l-Amerka Latina, il-Karibew, l-Asja u d-dinja Għarbija. Il-ħidma ser tinkludi li jitlestew in-negozjati dwar ftehimiet reġjonali ġodda ma' pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, bil-għan li jiġu mmodernizzati r-relazzjonijiet ma' kull reġjun, filwaqt li jiġi aġġornat il-qafas globali tal-AKP. Dan ser ifisser ukoll li jinħatfu l-opportunitajiet ippreżentati mill-bidliet strateġiċi fl-Asja, filwaqt li l-Unjoni tkun mgħammra biex taffaċċa l-isfidi potenzjali. Dan ser jinvolvi, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni ta' strateġiji ġodda għall-Indja u l-Asja Ċentrali; it-tisħiħ mill-ġdid tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE fir-rigward taċ-Ċina, l-intensifikazzjoni tal-impenn marbut mal-politika tas-sigurtà ma' pajjiżi tal-istess fehma, ir-rikonoxximent tal-importanza strateġika tal-konnettività Ewro-Asjatika u t-tlestija tan-negozjati ewlenin fil-qasam tal-kummerċ u l-investment li għadhom għaddejjin bħalissa. L-Unjoni ser timplimenta l-viżjoni tagħha għal sħubija mġedda mal-Afrika, l-Amerka Latina u l-Karibew.

Tisħiħ tas-sħubija transatlantika u l-bini ta' koalizzjonijiet ma' ekonomiji avvanzati tal-istess fehma. Is-sħubija transatlantika tibqa' l-pedament tas-sigurtà u l-prosperità fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku. L-UE ser tinvesti aktar f'din ir-relazzjoni fil-livell federali u fil-livelli adegwati l-oħra kollha. Ekonomiji avvanzati oħra jikkondividu l-interess tal-Unjoni f'sistemi effettivi bbażati fuq ir-regoli, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija u ser jespandu l-ħidma magħhom biex isawru l-futur abbażi ta' dawn l-interessi komuni. Huma ser jinkludu wkoll it-twaqqif ta' sħubija mill-qrib ħafna mar-Renju Unit wara li dan jitlaq mill-UE.

Tmexxija 'l quddiem tal-ħidma dwar id-Difiża u s-Sigurtà tal-UE, filwaqt li jittejbu r-relazzjonijiet bejn l-UE u n-NATO. Filwaqt li ttieħdu deċiżjonijiet ewlenin matul l-ewwel snin tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE, il-Presidenzi ser jappoġġaw ir-Rappreżentant Għoli fit-tlestija tal-implimentazzjoni tal-PESCO, inkluż l-indirizzar tal-kwistjoni tal-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi, il-ġestjoni tal-proċess CARD, u l-iżgurar tal-koerenza u l-allinjament tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet tad-difiża mal-prijoritajiet maqbula tal-UE. Il-Presidenzi jenfasizzaw l-importanza tal-implimentazzjoni tal-Programm Ewropew għall-Iżvilupp Industrijali fil-Qasam tad-Difiża u ta' aktar progress fuq il-Fond Ewropew għad-Difiża. Il-Presidenzi ser jappoġġaw il-progress fil-ħidma fuq il-mobbiltà militari u t-titjib tal-kapaċitajiet tal-UE u l-Istati Membri fil-ġlieda kontra theddid ibrid u ċibernetiku. Barra minn hekk ser jaħdmu mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli u ser jappoġġawh fit-tisħiħ tal-MPCC u t-tisħiħ mill-ġdid tal-PSDK ċivili.

F'ambjent globali mgħaġġel u kkontestat, jeħtieġ li l-Unjoni tkun mgħammra b'metodi ta' ħidma effettivi, u tiżviluppa r-reżiljenza neċessarja biex tindirizza theddid dirett għall-interessi tagħha kemm fil-pajjiżi tagħha kif ukoll f'pajjiżi terzi. It-tliet Presidenzi ser jaħdmu mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President rigward il-firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet li dan iqajjem. Dawn jistgħu jinkludu t-titjib tal-mod kif il-valutazzjonijiet komuni tas-sitwazzjonijiet tal-pajjiżi jitwettqu qabel deċiżjonijiet politiċi ewlenin, ir-rabta mtejba tal-istrumenti ta' finanzjament mal-prijoritajiet politiċi, aktar titjib tal-komunikazzjoni strateġika u t-teħid ta' deċiżjonijiet. Huma ser jappoġġaw kapaċità mtejba tal-Unjoni għall-prevenzjoni tal-kunflitt, il-medjazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-paċi. Barra minn hekk, minkejja li l-Unjoni, bħala kwistjoni ta' konvinzjoni, ser tfittex soluzzjonijiet multilaterali għal problemi komuni, hija għandha bżonn ukoll issaħħaħ il-kapaċità tagħha li tiżgura l-interessi tagħha b'mod awtonomu meta meħtieġ. Fl-aħħar nett, it-tliet Presidenzi ser jaħdmu mill-qrib ħafna mal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli/Viċi President biex jiżguraw il-koerenza ta' politiki interni u esterni mfassla biex jibnu Unjoni li Tipproteġi.